**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Illum it-2 ta' Ottubru, 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**vs**

**Christopher Drago u**
**Maria (Maria Carla) Drago**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet – kif korretti b'digriet ta' din il-Qorti tat-22 ta' April 2013 - migjuba kontra:

Christopher Drago ta' 40 sena, bin Joseph u Antoinette nee' Galea, imwieled Msida fit-30 ta' Awwissu 1967, residenti f''Casa Drago', Triq Dun Mikiel Xerri, Attard, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 411867(M); u

Maria (Maria Carla) Drago ta' 39 sena, bint Carmelo u Maria Dolores nee' Mifsud, imwielda Attard fis-26 ta' Novembru 1968, residenti f' 'Casa Drago', Triq Dun Mikiel Xerri, Attard, u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 45969(M);

Akkuzati talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, fit-18 ta' Dicembru 2007 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (€2329.37) ghad-dannu tad-Dipartiment tal-VAT;

2. kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

3. u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement naqsu li jaghtu kont ghal xi attivita' taxxabbli jew xi akkwist intra-Komunitarju mwettqa minnhom fir-*records*, dokumenti u kontijiet mehtiega bl-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jew b'xi regolamenti maghmula bis-sahha tieghu;

4. kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamlu xi denunzja, dikjarazzjoni jew taw taghrif mehtieg ghal xi wiehed mill-ghanijiet tal-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, filwaqt li kienu jafu li ma kienux korretti jew qarrieqa f'xi rigward materjali;

5. u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, iffalsifikaw xi *records,* dokumenti jew kontijiet mehtiega li jinzammu taht l-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jew hejjew jew ghamlu jew ghenu fit-thejjija jew fl-ghemil jew ghamlu uzu minn, xi *records,* dokumenti jew kontijiet foloz;

**lil Christopher Drago wahdu:**

6. talli b'hekk sar recidiv ai termini tal-Artikli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati l-1 ta' Dicembru 2004 u 31 ta' Lulju 2007;

7. kif ukoll talli b'hekk kiser il-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza fejn gie liberat taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-31 ta' Lulju 2007.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-24 ta' Gunju 2013, fejn deherlu li tista' tinstab htija taht:

Fil-kaz ta' Christopher Drago wahdu:

a. Fl-artikoli 308, 309, 310(1)(a) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 188 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 77(a)(b)(c) u 81 tal-Kapitolu 406 u l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-artikoli 7, 21, 22, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 31 u 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fil-kaz ta' Maria (Maria Carla) Drago wahedha:

a. Fl-artikoli 308, 309, 310(1)(a) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 188 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 77(a)(b)(c) u 81 tal-Kapitolu 406 u l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 31 u 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bil-procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat li fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2019 gie registrat is-segwenti verbal:[1]

Dottor Edward Gatt ghall-akkuzati iddikjara:

*"Illi l-imputati ga rregistraw ammissjoni fin-nota li ffirmaw flimkien mal-Avukat Generali pprezentata fl-20 ta' Gunju 2018. Illi ai termini tal-istess nota, l-istess akkuzati qed formalment jirregistraw l-ammissjoni taghhom u jiddikjaraw li m' ghandhomx aktar xhieda xi jressqu.*

*Il-Qorti wissiet lill-imputati bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni taghhom u senjatament li l-massimu tal-piena tar-reati kontemplati fin-nota tar-rinviju tal-Avukat Generali datata 24 ta' Gunju 2013 huwa fil-kaz tal-imputat Christopher Drago, 21 sena prigunerija, l-iffrizar tal-assi u kundanna sabiex jirrifondi lill-Gvern ta' Malta, l-ammonti kollha li jirrizulta li ottjena b'qerq, u fil-kaz tal-imputata Drago, 12-il sena prigunerija, l-iffrizar tal-assi u kundanna sabiex tirrifondi lill-Gvern ta' Malta l-ammonti kollha li ottjeniet b'qerq.*

*Il-Qorti issospendiet s-seduta sabiex l-imputati jergghu jiddiskutu mal-avukat difensur taghhom u jaraw iridux jirrevedu l-pozizzjoni taghhom.*

*Meta regghet issejjet il-kawza dehret l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Doriette Cuschieri u l-imputati assistiti minn Dr. Edward Gatt.*

*Il-Qorti staqsiet lill-imputati jekk regghux tkellmu mal-avukat difensur taghhom u xi jwiegbu ghar-reati addebitati lilhom. Huma ikkonfermaw illi kellhom hin bizzejjed sabiex jiddiskutu mal-avukat difensur taghhom u jinkkonfermaw li huma hatja tar-reati addebitati lilhom."*

Rat li fis-seduta sussegwenti tal-5 ta' Gunju 2019 gie registrat is-segwenti verbal:[2]

*"Il-qorti tirrileva li fis-seduta precedenti bi zvista, meta wissiet lill-imputati bil-konsegwenza tal-ammissjoni taghhom fis-seduta precedenti, ma semmietx l-artikoli tal-Kapitolu 406 u l-ksur tal-ordni tal-Probation.*

[1] Ara fol. 226 - 227 tal-process
[2] Ara fol. 230 - 231 tal-process

*Ghaldaqstant, il-qorti qieghda twissi lill-imputati bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni taghhom u senjatament li l-massimu tal-piena tar-reati kontemplati fin-nota tar-rinviju tal-Avukat Generali datat 24 ta' Gunju, 2013 huwa:*

*Fil-kaz tal-imputat Christopher Drago, 21 sena prigunerija, l-iffrizar tal-assi u kundanna sabiex jirrifondi lill-Gvern ta' Malta, l-ammonti kollha li jirrizulta li ottjena b'qerq, kif ukoll il-multi kontemplati fil-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, li fil-massimu taghhom huma ta' 13500 ewro, kif ukoll multa addizzjonali ta' darbtejn it-taxxa perikolata. Inoltre is-Sur Drago irid jigi trattat ghar-reat li tieghu instab hati bis-sentenza ta' din il-qorti diversament preseduta tal-31 ta' Lulju 2007.*

*Fil-kaz tal-imputata Maria Drago, il-piena massima hi ta' 12-il sena prigunerija, l-iffrizar tal-assi u kundanna sabiex tirrifondi lill-Gvern ta' Malta l-ammonti kollha li jirrizulta li ottjeniet b'qerq, kif ukoll il-multi kontemplati fil-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta, li fil-massimu taghhom huma ta' 13500 ewro, kif ukoll multa addizzjonali ta' darbtejn it-taxxa perikolata.*

*Il-qorti tissospendi s-seduta sabiex l-imputati jiddiskutu mal-avukat difensur taghhom u jaraw jekk iridux jirrevedu l-pozizzjoni taghhom.*

*Meta regghet issejhet il-kawza dehret l-Ufficjal Prosekutur u l-imputati assistiti minn Dottor Ishmael Psaila.*

*Il-qorti staqsiet lill-imputati jekk regghux tkellmu mal-avukat difensur tagghom u xi jwiegbu ghar-reati addebitati lilhom u huma kkonfermaw illi kellhom hin bizzejjed sabiex jiddiskutu mal-avukat difensur taghhom u kkonfermaw li huma hatja tar-reati addebitati lilhom."*

Rat li fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2019, din il-Qorti, fil-waqt li irriservat li teroga kull piena ohra permessibbli skond il-ligi, ghal kull buon fini ordnat li jigi mahtur Ufficjal tal-Probation sabiex jindaga jekk l-imputati humiex kandidati idonei sabiex jaghmlu servizz minghajr hlas ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Sarah Bezzina, u rat ir-rapportiipprezentati minnha.

Rat li fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2019, il-partijiet qablu li l-kawza tista' tithalla ghas-sottomissjonijiet finali dwar il-piena.

Rat li fl-istess seduta, l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li hi qed tirrimetti ruhha ghal provi, fil-waqt li din il-Qorti tat il-fakolta lid-difiza sabiex tipprezenta nota ta' sottomissjoniet dwar il-piena bil-visto jew notifika tal-Ufficjal Prosekutur sat-28 ta' Gunju 2019.

Rat li d-difiza ma ipprezentatx in-nota ta' sottomissjonijiet dwar il-piena fit-terminu lilha preskritt.

Ikkunsidrat:

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mill-ammissjoni tal-imputati stess, din il-Qorti issib lill-imputati hatja tar-reati kollha addebitati lilhom fin-nota tar-rinviju ghal-gudizzju tal-Avukat Generali.

Rigward il-piena, il-Qorti ikkunsidrat li ghalkemm l-imputati ammettew ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom, huma ghamlu dan biss tlett (3) snin wara li l-prosekuzzjoni iddikjarat f'dawn il-proceduri li qed taghlaq il-provi,[3] u ghalhekk l-imputati xorta hlew il-hin tal-Qorti u tal-Pulizija, u m'ghandhom jibbenefikaw minn ebda riduzzjoni fil-piena.

Ghal fini ta' piena, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet – korrispondenti ghar-reati kontemplati fl-Artikoli 188 u 18 tal-Kodici Kriminali, u l-Artikoli 77(a)(b)(c) u 81 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jitqiesu assorbiti fl-ewwel imputazzjoni u cioe dik tar-reat l-aktar gravi ta' truffa kontinwata – ai termini tal-Artikolu 308 u 310(a) tal-Kodici Kriminali – stante li servew bhala mezz ghal fini sabiex jigi kommess dan l-istess reat, u dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

[3] Ara fol. 196 tal-process.

L-imputat Christopher Drago ammetta wkoll – apparti li jirrizulta mill-provi – is-sitt u seba' imputazzjonijiet dedotti kontrih u cioe li huwa recidiv u li kkommetta reat wara li nghata sentenza fejn gie liberat taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena.

L-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. jippreskrivi illi:

*"(1) Jekk persuna li fil-kaz taghha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni ghall-liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinhareg fir-rigward taghha dikjarazzjoni ta' htija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti –*

*(a) jekk tkun l-istess qorti li tkun ghamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata, tista' tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat;*

*(b) jekk tkun qorti differenti, ghandha tibghat lil dik il-persuna quddiem il-qorti li tkun ghamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata u dik il-qorti ghandha kemm jista' jkun malajr, tara li dik il-persuna tingieb quddiemha, u meta tingieb prova ghas-sodisfazzjon taghha tad-dikjarazzjoni ta' htija dwar ir-reat ulterjuri, tista' tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret l-ordni b'kull mod li setghet tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minnha jew quddiemha ta' dak ir-reat."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Disposizzjoni sostanzjalment simili ghal dan l-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446 kienet tezisti fl-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152, liema Kapitolu huwa illum abrogat, u sostitwit bil-Kapitolu 446.[4] L-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152 kien gie interpretat fis-sentenza **Il-Pulizija**

---

[4] L-artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152 kien jippreskrivi hekk: *"Jekk persuna li fil-kaz taghha jkun gie maghmul ordni ta' probation jew ordni ghal liberazzjoni taht kondizzjoni tigi 'l quddiem misjuba hatja minn jew quddiem xi Qorti ta' reat maghmul matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu tal-liberazzjoni taht kondizzjoni, il-Qorti –*
*(a) jekk tkun l-istess Qorti li kienet ghamlet l-ordni tal-probation jew l-ordni ta' liberazzjoni taht kondizzjoni tista' tittratta ma' dik il-persuna ghar-reat li ghalih l-ordni gie maghmul b'kull mod li bih kienet tkun tita' titratta maghha kieku kienet ghadha kif giet dikjarata hatja minn jew quddiem dik il-Qorti ghal dak ir-reat;*

**vs Andrew Buhagiar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[5] fis-16 ta' Gunju 1999, fejn gie ritenut illi: *"L-uzu tal-kelma sottolineata "tista" – "may" fit-test ingliz – ma jfissirx li dik il-Qorti ghandha xi ghazla fis-sens li tista' tittratta ma' dik il-persuna u tista' ma titrattax maghha, kif donnu ried ifisser l-abbli difensur tal-appellat. Il-Kap. 152, infatti, anqas biss jikkontempla l-possibilita li dik il-Qorti taghzel li ma titrattax mal-persuna li tkun kisret l-ordni ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni. Il-kelma "tista'" f'dan il-kuntest tfisser biss li dik il-qorti jkollha s-<u>setgha</u> li tittratta ma' dik il-persuna bl-istess mod daqs li kieku dik il-persuna tkun ghadha kif giet misjuba hatja quddiem dik il-qorti. Ghalhekk, kemm fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 10, kif ukoll fil-paragrafu (a) tal-istess subartikolu, il-kelma "tista" fl-espressjoni "tista' tittratta ma' dik il-persuna" tfisser li l-qorti li tkun <u>ghandha</u> tittratta ma' dik il-persuna."*[6] (sottolinear dik il-Qorti).

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti din l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Appell Kriminali tat lill-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152 ghandha tapplika bl-istess mod fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446, li kif diga inghad huwa sostanzjalment simili. Fil-kaz odjern, l-ordni ta' liberazzjoni taht kondizzjoni giet imposta fuq l-imputat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), u konsegwentement din il-Qorti hija obbligata li tittratta mal-imputat Christopher Drago kif jipprovdi l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

In vista tan-natura tal-imputazzjonijiet taghhom l-imputat Chritopher Drago instab hati fil-proceduri odjerni, is-subincizi (2) u (3) tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446[7] jipprojbixxu lil din il-Qorti milli tpoggi lill-hati Christopher Drago taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni

---

*(b) jekk tkun Qorti differenti, ghandha tibghat lil dik il-persuna quddiem il-Qorti li minnha l-ordni ta' probation jew l-ordni ghal liberazzjoni taht kondizzjoni kien maghmul u dik il-Qorti ghandha, malli jkun prattikabbli iggieghel lil dik il-persuna li tidher jew tingieb quddiemha u fuq prova ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti tad-dikjarazzjoni ta' htija dwar ir-reat l-iehor tista' tittratta ma' dik il-persuna ghar-reat li ghalih l-ordni kien gie maghmul b'kull mod li bih kienet tista' tittratta maghha kieku kienet ghadha kif giet misjuba hatja ghal dak ir-reat minn jew quddiem dik il-Qorti."*

[5] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano

[6] Ara fl-istess sens is-sentenza **Il-Pulizija v. Raymond Callus** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Dicembru 2001.

[7] L-Artikolu 23(2) jippreskrivi illi: *"Bla hsara ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tigi ttrattata ghar-reat li dwaru tkun tqeghdet taht probation b'ordni ta' servizz fil-komunità, jew b'ordni ta' probation u servizz jew tkun giet kondizzjonalment liberata, jew il-Qorti ma tkunx tista' tqieghed lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1)."*

L-Artikolu 23(3) jippreskrivi illi: *"Is-subartikolu (2) m'ghandux japplika meta r-reat maghmul matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata u li dwaru l-persuna sussegwentement tigi dikjarata hatja , jkun kontravvenzjoni jew ikun delitt ta' omicidju involuntarju, jew offiza involontarja fuq il-persuna, jew hsara involontarja fuq il-proprjetà."*

ghal liberazzjoni kondizzjonata, ghax hu instab hati li kiser ordni ghal liberta kondizzjonata. In oltru l-Artikolu 28A(7)(b) u (c)[8] tal-Kodici Kriminali jipprojbixxu lil din il-Qorti milli timponi sentenza sospiza ghax il-hati huwa recidiv, kif ukoll ghax instab hati li kiser l-ordni imsemmi. Dan ifisser li fil-kaz odjern, din il-Qorti m'ghandiex xelta hlief li timponi piena karcerarja effettiva fuq l-imputat Christopher Drago ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti tirrileva li d-difiza m'ghamlet l-ebda attentat biex tindika lil din il-Qorti xi raguni specjali u straordinarja li minhabba fiha hija tista' tinzel taht il-piena minima preskritta mil-ligi, kif previst fl-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali. Wara qari akkurat tal-process, din il-Qorti ma jirrizultaliex li hemm tali raguni li tiggusitfikaha li tati piena taht il-minimu preskritt mil-ligi.

Ghal fini tal-piena tar-reati li taghhom l-imputat instab hati f'dawn il-proceduri il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali aggornata tal-imputat. Din il-fedina penali mhix wahda felici. Il-hati Christopher Drago ghandu dsatax(19)-il kundanna minn dawn il-Qrati: dawn il-kundanni ivarjaw minn evazjoni tal-ligijiet fiskali, gestjoni ta' hanut minghajr il-licenzja tal-awtoritajiet kompetenti, hsara volontarja, ragion fattasi, ksur tal-ligijiet tas-sewqan, ksur tal-ligijiet dwar impjieg ta' haddiema, tlett kundanni ta' theddid u ingurja lill-ufficjali pubblici, u numru sostanzjali ta' kontravenzjonijiet. Dan kollu juri li l-imputat m'ghandux rispett lejn il-ligijiet u l-awtoritajiet tal-pajjiz.

Fir-rapport tieghu, it-Tax Compliance Unit, li gie esebit,[9] irrakomanda li d-Dipartiment tal-VAT johrog assessments li fit-total taghhom jammontaw ghal mija disgha u tletin elf, hames mija u disgha u ghoxrin Euro (€139,529) ghas-snin bazi mill-2005 sal-2007. Minn dan l-ammont, hamsa u tmenin elf, tlett mija u sitta u erbghin Euro (€35,346) kienu VAT fuq it-turnover fuq l-istima *ex officio* tal-bejgh mhux dikjarat, fil-waqt li erbgha u hamsin elf, mija u tlieta u tmenin (€54,183) in put VAT fuq ix-xiri pretiz mis-socjeta in kwistjoni, li ntalab lura mid-dipartiment tal-VAT.

---

[8] L-Artikolu 28A(7) jippreskrivi illi: *"Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ma ghandux isir f'xi wiehed mill-kazijiet li gejjin - ... ...*
*(b) meta l-ikkundannat ikun reċidiv fit-termini tal-artikolu 50;*
*(c) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni skond l-Att dwar il-Probation."*

[9] Ara fol. 137 *et seq.* tal-process

Pero ix-xhud Joanne Hefny, li kienet Directors of Operations fid-dipartiment tal-VAT, xehdet fis-seduta tal-24 t'April 2013, u qalet illi *"Id-dipartiment kellu diversi problemi biex jirnexxielu jinnotifika lill-kumpanija u lid-direttur taghha bl-assessments kemm at provisional stage kif ukoll at final assessment stage, kellna hafna problemi. Iz-zmien jghaddi u minnhom kien hemm perjodi li gew time-barred. Ghaldaqstant l-assessments illi d-dipartiment irnexxielu jservi fil-hin kienu jammontaw ghal wiehed u sebghin elf, tlett mija u disghin Euro."*[10] Din ix-xhieda ma giet bl-ebda mod kontradetta. Ghalhekk dan l-ahhar ammont imsemmi hu l-ammont li din il-Qorti se tikkunsidra li gie defrawdat lid-Dipartiment ta' VAT.

Is-somma dovuta lid-dipartiment tal-VAT certament hija wahda sostanzjali, u mill-atti ma jirrizultax li din is-somma, jew parti minnha, thallset fil-mori ta' dawn il-proceduri. Ghalkemm fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2011,[11] l-avukat difensur tal-imputati informa lill-Qorti li l-imputata kienet ghaddiet cekk lid-dipartiment tal-VAT u l-partijiet talbu differiment *"sabiex jigi verifikat dak li qed tghid l-imputata"*, pero hadd mill-partijiet ma semma xejn izjed fuq dan l-allegat pagament.

L-Artikolu 310(1)(a) tal-istess Kapitolu 9 kif kien in vigore fl-2008, id-data li fiha gietipprezentata c-citazzjoni odjerna, kien jipprospetta piena minima ta' tlettax (13)-il xahar prigunerija u piena massima ta' seba' (7) snin prigunerija. Ir-reat huwa wkoll wiehed kontinwat ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha tizdied bi grad. Ghalhekk il-piena minima hija ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija u dik massima hija ta' disa' (9) snin prigunerija. Peress li Christopher Drago instab hati wkoll li hu recidiv, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena fil-kaz tieghu ghandha tizdied bi grad iehor, u ghalhekk il-piena minima hija ta' sentejn (2) prigunerija fil-waqt li dik massima hija ta' tnax (12)-il sena prigunerija.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti se tapplika l-piena minima fil-konfront tal-imputat Christopher Drago ghall-ewwel sitt imputazzjonijiet dedotti kontrih, u ghalhekk se tikkundannah ghal sentejn prigunerija effettiva, apparti li jhallas nofs l-ammont ta' VAT li ma giex imhallas lid-Dipartiment.

---

[10] Ara fol. 119 tal-process
[11] Ara fol. 47 tal-process

In oltre, l-imputat Christopher Drago gie dikjarat hati wkoll tas-seba' (7) imputazzjoni dedotta kontrih, u cioe li ikkommeta reat fil-perjodu operattiv ta' ordni ta' liberta' kondizzjonata moghtija b'sentenza ta' din il-Qorti (diversament preseduta) fil-31 ta' Lulju 2007, u konsegwentement din il-Qorti hija obbligata li tittratta mal-imputat kif jipprovdi l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. F'din is-sentenza tal-31 ta' Lulju 2007,[12] il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabet lill-imputat Christopher Drago, fuq ammissjoni tieghu stess, hati tas-segwenti imputazzjonijiet (ghax l-ewwel imputazzjoni giet irtirata mill-Prosekuzzjoni):

2. li fil-31 ta' Lulju 2007, ingurja, hedded u ghamel offiza fuq il-persuna ta' tlett ufficjali tal-Pulizija, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu servizz pubbliku, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3. li bi vjolenza jew theddid gieghel ufficjal pubbliku jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom;
4. ostakola Triq Sciortino, Zebbug, b'vettura tal-ghamla Toyota;
5. ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid;
6. kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Dik il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 95, 96, 338(dd) u 339(e) tal-Kodici Kriminali, tar-Regolament 77 tal-Avviz Legali 128 tas-sena 1994 u l-Artikolu 55 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tat-tieni, it-tielet, il-hames u s-sitt imputazzjonijiet migjuba kontrih, u imponiet fuqu ordni ta' liberta kondizzjonata, kif ukoll fuq ammissjoni, sabitu hati wkoll tar-raba' imputazzjoni u ikkundannatu ghal multa ta' hamsa u erbghin Lira Maltija (Lm45).

Konsegwentement, l-imputat diga inghata piena ghar-raba' imputazzjoni, u din il-Qorti trid tittratta mieghu biss dwar l-erba' imputazzjonijiet l-ohra, li ghalihom inghata l-liberta kondizzjonata. Il-Qorti tirrileva li ghalkemm f'dik is-sentenza il-Qorti sabet htija taht l-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali, fl-opinjoni ta' din il-Qorti t-tielet imputazzjoni hija dik ravvizata fl-Artikolu 91 u mhux fl-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali. Pero, din il-Qorti se

[12] Ara fol. 95 – 96 tal-process

taghti l-beneficcju lill-imputat, stante li l-piena kontemplata fl-Artikolu 96, kif kien fiz-zmien li gie kommess ir-reat, hija iktar baxxa minn dik kontemplata fl-Artikolu 91.

F'dik is-sentenza, dik il-Qorti qalet hekk:
*"Illi dwar il-piena, l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-fedina penali tal-imputat hija netta, li huwa ikkoopera mal-Pulizija u li huwa skuza ruhu tal-akkadut mal-ufficjali koncerntati. Hadet ukoll in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, kif ukoll in-natura tar-reati ammessi mill-imputat."*

Fl-ikkalibrar tal-piena, din il-Qorti se tiehu wkoll in konsiderazzjoni dawn il-fatturi, hlief dik li l-fedina penali tal-imputat kienet netta, ghax kif jirrizulta ampjament mill-atti odjerni, fil-31 ta' Lulju 2007, il-fedina penali tal-imputat certament ma kinietx wahda netta, u huwa diga kellu numru sinifikanti ta' kundanni minn dawn il-Qrati.

B'applikazzjoni tat-teorija tal-konkors formali jew ideologiku tar-reati, il-Qorti tqis li t-tielet imputazzjoni hija assorbita fir-reat iktar gravi kontemplat fit-tieni imputazzjoni. Rigward il-hames u s-sitt imputazzjonijiet, li huma kontravvenzjonijiet, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(d) tal-Kodici Kriminali, dwar il-konkors ta' pieni u delitti, il-piena ghalihom hija assorbita fil-piena tat-tieni imputazzjoni. Fiz-zmien li gie kommess ir-reat ta' attakk jew rezistenza lill-ufficjal pubbliku kien igorr piena ta' minimu ta' erba' (4) xhur prigunerija u massimu ta' sena prigunerija.

Kif diga inghad, fil-fatti specje tal-kaz odjern, is-subincizi (2) u (3) tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446[13] jipprojbixxu lil din il-Qorti milli tpoggi lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata, fil-waqt li l-Artikolu 28A(7)(c)[14] tal-Kapitolu

---

[13] L-Artikolu 23(2) jippreskrivi illi: *"Bla hsara ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tigi ttrattata ghar-reat li dwaru tkun tqeghdet taht probation b'ordni ta' servizz fil-komunità, jew b'ordni ta' probation u servizz jew tkun giet kondizzjonalment liberata, jew il-Qorti ma tkunx tista' tqieghed lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1)."*
L-Artikolu 23(3) jippreskrivi illi: *"Is-subartikolu (2) m'ghandux japplika meta r-reat maghmul matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata u li dwaru l-persuna sussegwentement tigi dikjarata hatja , jkun kontravvenzjoni jew ikun delitt ta' omicidju involuntarju, jew offiza involontarja fuq il-persuna, jew hsara involontarja fuq il-proprjetà."*

[14] L-Artikolu 28A(7)(c) jippreskrivi illi: *"Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ma ghandux isir f'xi wiehed mill-kazijiet li gejjin - ... ...*
*(c) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni skond l-Att dwar il-Probation."*

9 jipprojbixxi lil din il-Qorti milli timponi sentenza sospiza. Konsegwentement, fil-fatti specje tal-kaz odjern, din il-Qorti m'ghandiex xelta hlief li timponi piena karcerarja effettiva fuq l-imputat ghal dawn l-erba' imputazzjonijiet. Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha tkun fil-minimu taghha, u cioe dik ta' erba' xhur prigunerija.

Rigward l-ikkalibrar tal-piena fil-konfront tal-imputata Maria Drago japplikaw l-istess kunsiderazzjonijiet fuq esposti li saru fil-konfront ta' Christopher Drago, hlief li din l-imputata ma gietx akkuzata – u ovvjament ma hijiex hatja - li hija recidiva u lanqas li kisret xi ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata. Ghalhekk fil-kaz taghha il-piena minima ghar-reat ta' truffa kontinwata minnha kommess hija ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija u dik massima hija ta' disa' (9) snin prigunerija. In oltre, il-fedina aggornata taghha hija wahda netta.

Din il-Qorti hija tal-opinjoni li fir-rigward tal-imputata Maria Drago, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-piena karcerjarja effettiva mhix wahda idonea fil-kaz taghha. Pero din il-Qorti hija tal-opinjoni li din l-imputata ghandha taghmel servizz bhal hlas lill-kommunita kif ukoll thallas lid-Dipartiment tal-VAT nofs l-ammont lilu dovut. Ghalhekk hija se tigi kkundannata ghal piena ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija, li pero ghandhom jigu sospizi ghal perjodu ta' erba' snin. In oltre, hija ghandha taghmel servizz bla hlas fil-komunita ta' mitejn (200) siegha, u tirrifondi lid-dipartiment tal-VAT nofs l-ammont li hija otteniet b'qerq.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tiddeciedi hekk:

*<u>Fil-konfront tal-imputat Christopher Drago</u>*

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli elenkati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-24 ta' Gunju 2013, u cioe l-artikoli 308, 309, 310(1)(a) kif kien in vigore fl-2008, fid-data li fiha gietipprezentata c-citazzjoni odjerna, 18, 188, 49, 50, 17, 18, 23, 23A, 31, 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9, l-artikoli 77(a)(b)(c) u 81 tal-Kapitolu 406 u l-artikoli 7, 21, 22, 23

u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tar-reati kollha kontemplati fl-istess artikoli, u tikkundannah ghal perjodu ta' prigunerija effettiva ta' sentejn.

In vista tal-fatt li din il-Qorti sabet lill-imputat hati li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata moghti fil-31 ta' Lulju 2007 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, din il-Qorti qeghda, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tittratta mal-hati ghat-tieni, it-tielet, il-hames u s-sitt imputazzjonijiet li dwarhom hu kien tpogga taht tali ordni, daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull buon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, tirrevoka l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata maghmul bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-Artikoli 95, 96, 338(dd) u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hati ghal perjodu ulterjuri ta' erba' (4) xhur prigunerija effettiva.

Ghalhekk il-hati Christopher Drago ghandu jaghmel perjodu globali ta' sentejn u erba' (4) xhur prigunerija effettiva.

In oltre ai termini 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, rez applikabbli ghal dawn il-proceduri bl-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hati, ihallas is-somma ta' hamsa u tletin elf, sitt mija u hamsa u disghin Euro (€35,695), lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fi zmien sena mil-lum, liema somma tirrapprezenta nofs l-ammont ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud li ma giex imhallas.

*Fil-konfront tal-imputata Maria (Maria Carla) Drago*

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli elenkati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-24 ta' Gunju 2013, u cioe l-artikoli 308, 309, 310(1)(a) kif kien in vigore fl-2008, fid-data li fiha giet ipprezentata c-citazzjoni odjerna, 18, 188, 17, 18, 23, 23A, 31, 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 u l-artikoli 77(a)(b)(c) u 81 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tar-reati kollha kontemplati fl-istess artikoli, u tikkundannaha ghal piena karcerarja ta' tmintax-il xahar prigunerija, li in vista tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti,

qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

A tenur tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda ma' din is-sentenza sospiza, il-Qorti qed tqieghed lil hatja taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien erba' (4) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqha skond l-Ordni ta' Supervizzjoni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

In oltre a tenur tal-Artikolu 28G(1A) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda, tqieghed il-hatja taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita, kif imfisser fl-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, billi taghmel xoghol bla hlas ghal mitejn (200) siegha f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess Ordni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hatja, thallas is-somma ta' hamsa u tletin elf, sitt mija u hamsa u disghin Euro (€35,695), lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, liema somma tirraprezenta nofs l-ammont ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud li ma giex imhallas.

Ai termini tal-Artikoli 28A(4), 28G(8) u 28H(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hatja Maria Drago fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li tonqos milli tosservaha, u cioe f'kaz li tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv, u/jew jekk tonqos li thallas l-ammont fuq preskritt fiz-zmien stipulat hawn fuq, u/jew jekk tonqos illi ssegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta' Supervizjoni. u/jew jekk tonqos li tikkonforma ruhha mal-Ordni ta' Servizz fil-Komunita.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**